

It-Tlieta, 12 ta' Diċembru 2006

- wara li kkunsidra l-Artikolu 62(2)(a), l-Artikolu 66 u l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkon-sultat mill-Kunsill (C6-0358/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51, l-Artikolu 83(7) u l-Artikolu 43 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0423/2006),
1. Japprova l-konklużjoni ta' l-arranġament;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kum-missjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika ta' l-Iżlanda u tar-Renju tan-Nor-veġja.

P6_TA(2006)0534

Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (13241/1/2006 — C6-0420/2006 — 2005/0042B(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (13241/1/2006 — C6-0420/2006),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0115) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2006)0235) ⁽³⁾
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsu-matur (A6-0408/2006),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
 2. Jinnotta li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċe-duri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kum-missjoni.

⁽¹⁾ Testi adottati, 23.3.2006, P6_TA(2006)0107.

⁽²⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

⁽³⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.